TRIBUNAL INDUSTRIJALI

Decizjoni Nru 205

KAZ NRU 277

Fil-kwistjoni tax-xoghol

bejn

Miss Carmen Bugeja

u

Blackley Confectionery

dwar tkeccija mill-impieg allegata li hi ngusta

Data: 24 ta' Jannar, 1985

CHAIRMAN: Mr A H Camilleri CPAA, ACMA.

1. B'ittra datţata 1-14 ta' Gunju, 1983, il-Ministru tax-Xoghol u Servizzi Socjali rrefera lil dan it-Tribunal taht id-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 28(2) ta' l-Att Nru XXX tal-1976, il-kwistjoni tax-xoghol bejn il-partijiet imsemmija dwar tkeccija allegata li hi ngusta.

2. It-Tribunal zamm tlett seduti li fihom ghall-appellant deher is-Sur Harold Walls filwaqt li ghad-ditta Blackley Confectionery deher is-Sur Victor Lungaro Mifsud.

3. STATEMENTS OF CASE

3.1 Ghall-Appellant gie sottomess li fil-21 ta' April, 1983 Carmen Bugeja kienet qed tpejjep waqt il-'break' kif kella d-dritt taghmel. F'hin minnhom, cempel it-telephone u ghaljenat rasha u nizlet isfel biex tirrispondi t-telephone.

3.2 Filwaqt li kienet qed tirrispondi t-telephone fuq gewwa tal-hanut dahlet il-padruna u sabitha tpejjep fejn ma kellhiex id-dritt tpejjep. Din dlonk keccietha l-barra ghax qaltilha li mhux l-ewwel darba kienet pejpet fil-hanut fejn kien projbit ghax kien hemm il-helu u affarijiet ohra tal-ikel. Bugeja tghid li qatt qabel ma kienet pejpet fejn kien projbit.

3.3 Il-Management qatt qabel ma kien taha warning bil-miktub u ghalhekk it-tkeccija ma kienetx in regola.

3.4 Bugeja talbet li tibqa tahdem ma Blackley u riedet il-paga kollha li tilfet.

4.1 <u>Ghall-Blackley Confectionery</u> is-Sur Lungaro Mifsud issottometta li l-hanut F Blackley ta' Triq ir-Repubblika, Valletta ghadda taht management gdid f'Jannar, 1982. Dan il-management gdid dahal ghal dan in-negozju bil-hsieb li jorganizzah u jibdillu l-apparenzi tieghu ghax sa dak iz-zmien kien fi stat deplorevoli u riedu jittiehdu passi drastici biex jaghtuh apparenza decenti.

4.2 Fost il-hwejjeg li kellhom jigu arrangati kien hemm l-attitudni tal-impjegati kemm bejniethom u ukoll mal-klienti. Hafna drabi l-klienti ilmentaw fuq l-imgieba ta' Carmen Bugeja.

4.3 Il-kumpanija zammet l-impiegati kollha u ppruvat taghallimhom biex igibu ruhhom b'mod ahjar. Bugeja giet infurmata bil-miktub li kien hemm hafna lmenti kontra taghha u peress li d-ditta kienet ser taghmel hafna spejjes biex tirranga l-hanut il-quddiem nuqqasijiet simili ma kienux ser ikunu tollerati.

4.4 Bugeja giet avzata bil-miktub li t-tipjip kien assolutament projbit fil-post kollu tax-xoghol u s-sigarett seta jitpejjep biss fil-mess waqt il-break.

4.5 Bugeja baqghet tpejjep minkejja t-twissijiet verbali u anke baqghet iggib ruha hazin, ghalhekk meta nqabdet tpejjep il-management ma kellux triq ohra hlief li jkecci lil din l-impiegata.

5. <u>XHIEDA</u>

Ghall-appellant dehru dawn ix-xhieda:-

| | | |
|---|---|---|
| Carmen Bugeja | - | l-appellant |
| Philip Bugeja | - | missier l-appellant |
| Alfred Micallef | - | gharus ta' l-appellant |
| George Galea | - | impiegat fil-P.W.D. |

Ghall-Kumpanija dehru dawn ix-xhieda:-

Victor Lungaro Mifsud - Direttur tal-Kumpanija
Tonia Gatt - Salesgirl mal-Kumpanija.

6. SOTTOMISSJONIJIET FINALI

6.1 Ghall-appellant is-Sur Harold Walls issottometta li mix-xhieda deher car illi Bugeja ma kellha l-ebda htija. Mill-kaz hareg li jekk Bugeja kellha xi htija zgur li ma kienx jimmeritha tkeccija.

6.2 Il-kumpanija tghid li wissiet diversi drabi lill-impiegata kemm verbalment u wkoll bil-miktub izda dan ma harigtx mill-kaz. It-twissijiet bil-miktub kienu biss 'Internal Memo' biex jaghtu guida lill-impiegati kif ghandhom igibu ruhhom fuq il-post tax-xoghol.

6.3 Lill Bugeja qatt ma rawha tpejjep ghalhekk qatt ma setghu jaghtuha twissija. Ukoll, kien hemm impiegati ohra li jpejjpu.

6.4 Carmen Bugeja ghamlet minn kollox biex tikkopera mal-kumpanija ghax kienet taghmel kwalunkwe xoghol mhux dak biss ta' salesgirl, tirranga l-hanut, tistiva u tnaddaf anke fil-kantina.

6.5 Darba biss Bugeja lmentat mal-management meta sabet gurdien fil-kantina, ghax mill-griden hija tibza. Dan gieghel lil management isejjah haddiem tal-P.W.D. biex itella l-gurdien mejjet.

6.6 Anke li kieku Bugeja kellha xi htija meta wiehed jikkunsidra li damet disa snin impiegata mad-ditta u dejjem ikkoperat mill-ahjar li setghet, it-tkeccija ta' Bugeja ghal haga zghira kienet kiefra wisq.

6.7 Carmen Bugeja matul iz-zmien li baqghet barra batiet konsegwenzi finanzjarji u morali u presentament tinsab bla xoghol.

.../4

7.1 Ghall-Kumpanija, s-Sur Victor Lungaro Mifsud issottometta li dan il-kaz jirrigwarda terminazzjoni ta' impieg minn stabbiliment zghir fejn in-numru ta' haddiema hu ristrett u ghalhekk certi regolamenti li jintuzaw f'fabbriki kbar ma japplikawx.

7.2 Mix-xhieda li nstmeghu ma tistax tghid li Bugeja kienet xi impjegata ezemplari. Impiegata ohra li kienet tahdem maghha qalet li Bugeja kienet tpejjep kuljum ghalkemm dan kien projbit meta wissieta qaltilha 'jekk irid ikeccini'.

7.3 Mhux veru li Bugeja nizlet tpejjep isfel biex tirrispondi t-telephone meta s-sinjura qabditha tpejjepx fejn kien projbit.

7.4 Barra mit-tipjip kien hemm hafna ilmenti minn klienti fuq l-imgieba ta' Bugeja u wiehed ma jistax imexxi hanut pulit tal-helu bhal Blackley b'impiegata t-tip ta' Carmen Bugeja.

7.5 Bugeja kienet inwissija kemm il-darba u ma ridietx tirranga, u haddiem ma jistghax jithalla jaghmel li jrid.

7.6 Il-Management ghamel minn kollox biex igib il-quddiem il-hanut u ma setghax ihalli l-impjegati ma jaghtux kaz, ghax f'post bhal hanut tal-pasti l-imgieba tal-impiegati hija ta' importanza kbira ghaliex il-klient jkun f'kuntatt dirett u kontinwu mal-haddiema.

7.7 Mix-xhieda li nstemghu u mill-fatti li rrisultaw, il-kumpanija thoss li t-tkeccija ta' Carmen Bugeja saret ghal raguni tajba u sufficjenti skond il-ligi.

8. KONSIDERAZZJONIJIET TAT-TRIBUNAL

8.1 It-Tribunal ha in konsiderazzjoni dak li rrisulta mill-provi u dak li semgha mix-xhieda fuq il-kaz.

8.2 Il-Management gdid ha f'idejh il-hanut ta' Blackley f'Jannar, 1982 u pprova jaghtih apparenza tajba tant li jidher li

.../5

irnexxielu. Qabel dan meta l-hanut kien f'idejn haddiehor u l-hanut kellu dehra ta' hanut abbandunat u donnu ma kienx hemm dixxiplina tajba mal-impjegati, ghalhekk il-management kellu bicca xoghol iebsa biex igib il-quddiem il-hanut malajr.

8.3 Xi whud mill-impiegati donnhom malajr qaghdu ghad-dixxiplina gdida izda jidher li Carmen Bugeja ma rieditx tobdi daqshekk malajr.

8.4 Il-Management kellu ragun li ma jhalliex l-impjegati jpejpu f'hanut tal-pasti u li jinsisti li l-impiegati jgibu ruhhom tajjeb mal-klienti.

8.5 Il-Management madankollu donnu kien mghaggel wisq biex jirranga u jaghti hajja ohra lill-hanut li dam snin kwazi abbandunat.

9. AWARD

9.1 Fid-dawl tal-fatti msemmija u l-aspetti kollha tal-kaz, it-Tribunal ihoss li l-Management waqt li kellu ragun jit-termina l-impieg ta' Carmen Bugeja, minhabba l-attitudni taghha u ghax inqabbdet tikser ordni li ma tpejjipx f'post projbit, ihoss ukoll li l-Management gdid ma hax pacenzja bizzejjed biex ighallem l-impiegati tieghu u kien wisq mghaggel biex ikecci lill Bugeja.

9.2 It-Tribunal ghalhekk jordna li waqt li Bugeja ghandha titlef l-impieg taghha, l-Management ghandu jhallas is-somma ta' tlett mitt lira (LM300) lil Bugeja bhala kumpens fi zmien xaghar mid-data ta' dan l-Award.

A. H. CAMILLERI
Chairman

Edw. D'Agostino
A/Segretarju

Data: 24 ta' Jannar, 1985

ja